# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 12.20

## REGOLAMENTI DWAR IL-QORTI ĊIVILI (SEZZJONI TAL-FAMILJA), IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI U IL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX) (ĠURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

16 ta' Diċembru, 2003

*L-AVVIŻ LEGALI 397 tal-2003, kif emendat bl-Avviżi Legali 9 tal-2004, 181 u 186 tal-2006, 370 u 386 tal-2011, u 111 tal-2012 u bl-Att XIII tal-2018.*

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja).

Titolu. *Emendat: A.L. 9 tal-2004.*

**2.** F'dawn ir-regolamenti, sakemm il-kuntest ma jindikax mod ieħor:

Tifsir.

(*a*) il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja) huma rispettivament dawk is-sezzjonijiet tal-qrati kif stabbiliti bl-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili kif riprodott fl-Iskeda;

L.S. 12.19

(*b*) "il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja.

**3.** (1) Il-Ministru għandu skond l-artikolu 89 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jaħtar listi ta' esperti kif ġej:

Ħatra ta' medjaturi, eċċ. *Emendat: XIII.2018.33.*

(*a*) lista ta' esperti fl-affarijiet tal-familja (hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa medjaturi) li jkunu persuni li fil-fehma tal-Ministru jkollhom il-kwalitajiet meħtieġa biex iwettqu d-dmirijiet assenjati lil medjaturi b'dawn ir-regolamenti, liema lista tkun magħmula minn żewġ listi kif ġej:

(i) l-ewwel lista li tkun tikkonsisti f'persuni li jkunu kwalifikati kif hawn qabel imsemmi li minn fosthom il-partijiet f'kawża jistgħu jagħżlu bil-kunsens taż-żewġ naħat persuna biex tagħmilha ta' medjatur; u

(ii) it-tieni lista li tkun tikkonsisti f'persuni li jkunu kwalifikati kif ingħad qabel u li jkunu maħtura mill-Qorti abbażi ta' *roster* biex jagħmluha ta' medjaturi f'xi każ partikolari.

Persuna li jkollha l-kwalitajiet meħtieġa kif hawn qabel imsemmi tista' tkun inkluża kemm fl-ewwel kif

ukoll fit-tieni lista;

(*b*) lista ta' esperti fil-liġi tal-familja (hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa avukati tat-tfal) li jkunu persuni li jkollhom il-*warrant* li jeżerċitaw bħala avukati.

(2) Il-medjaturi u l-avukati tat-tfal għandhom jitħallsu dawk id-drittijiet għas-servizzi li jagħtu skond ma l-Ministru jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi. Meta l-partijiet jagħżlu medjatur b'kunsens taż-żewġ naħat minn l-ewwel lista ta' medjaturi, id-drittijiet dovuti lil dak il-medjatur għandhom jitħallsu mill-partijiet, inkella d-drittijiet dovuti lill-medjaturi u lill-avukati tat-tfal għandhom jitħallsu mir-Reġistratur.

(3) Qabel ma jagħmel il-ħatriet kif hawn qabel imsemmi, il-Ministru għandu jikkonsulta lill-imħallef jew imħallfin li jkunu qegħdin jippresjedu l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja).

(4) Qabel ma jibdew jaqdu d-dmirijiet tal-kariga tagħhom il-medjaturi u l-avukati tat-tfal għandhom jieħdu ġurament quddiem l-Avukat Ġenerali li jkunu se jaqdu d-dmirijiet tal-kariga tagħhom fedelment u b'imparzjalità u li ma jiżvelawx ebda informazzjoni li jistgħu jiġu a konoxxenza tagħha fil-qadi ta' dmirijiethom. Dak il-ġurament għandu jiġi ppreżentat fir-reġistru tal-Qorti Ċivili b'nota u r-Reġistratur għandu jżomm dik in-nota fi ktieb speċjali, liema ktieb għandu jkun indiċjat sew u li l-pubbliku jkun jista' jarah fi kwalunkwe ħin li matulu r-Reġistru jkun miftuħ.

(5) Medjatur jista' jitlob li jastjeni milli jwettaq dmirijietu f'xi każ partikolari u jista' jiġi rikużat għall-istess raġunijiet li fuqhom, skond il-liġi, mħallef jista' jastjeni jew ikun rikużat. L-imħallef jew maġistrat li jkun qed jippresjedi l-Qorti li quddiemha jkun qed jiġi ttrattat il-każ għandu jiddeċiedi dwar dik it-talba għall-astensjoni jew rikuża u d-deċiżjoni ta' l-imħallef jew maġistrat, skond il-każ, tkun waħda finali u ma jistax isir appell minnha jew terġa' titqajjem quddiem ebda Qorti oħra.

Kap. 12.

(6) Il-Ministru għandu skont l-artikolu 89 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jaħtar lista ta' esperti fl-affarijiet tal-familja u minorenni (hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa persuni ta' sostenn) li jkunu persuni li fil-fehma tal-Ministru jkollhom il-kwalitajiet meħtieġa biex iwettqu d-dmirijiet assenjati lill-persuni ta' sostenn, liema lista tkun magħmula mill-persuni kwalifikati kif hawn qabel imsemmi u li jkunu maħtura mill-Qorti abbażi ta' *roster* sabiex jagħmluha ta' persuni ta' sostenn f'xi każ partikolari.

(7) Id-dmirijiet tal-persuna ta' sostenn għandhom jinkludu, *inter alia*:

(*a*) l-iggwidar u l-assistenza tal-minorenni, b'mod sensittiv, waqt il-proċedimenti ġudizzjarji, kif ukoll wara l-konklużjoni tagħhom, skont il-bżonn;

(*b*) is-sostenn emozzjonali lill-minorenni;

(*ċ*) l-għoti ta' parir lill-Qorti dwar il-bżonn ta' *counselling* jew terapija, kemm waqt kif ukoll wara l-proċedimenti ġudizzjarji;

(*d*) kuntatt mal-ġenituri jew tuturi legali, membri tal-familja, u avukat tal-minorenni, skont il-każ;

(*e*) l-għoti ta' informazzjoni lill-minorenni dwar il-proċedimenti ġudizzjarji u r-rwol tal-istess minorenni fil-proċedimenti;

(*f*) l-għoti ta' parir jew talba lill-Qorti għall-ħruġ ta' ordnijiet ta' protezzjoni kemm waqt kif ukoll wara l-proċedimenti ġudizzjarji skont il-każ;

(*g*) monitoraġġ tal-aderenza mal-ordnijiet tal-Qorti mill-awturi tar-reat wara l-konklużjoni tal-proċedimenti ġudizzjarji;

(*h*) monitoraġġ tar-relazzjoni bejn il-minorenni u l-awturi tar-reat kemm waqt kif ukoll wara l-proċedimenti ġudizzjarji, skont il-każ;

(*i*) kuntatt mal-aġenziji relevanti u, jew professjonisti sabiex jassigura illi l-*counselling* jew trattamenti neċessarji huma pprovduti, skont il-każ;

(*j*) l-għoti ta' parir jew talba lill-Qorti għall-ħruġ ta' xi miżuri speċjali fl-aħjar interess tal-minuri, skont il-każ.

Applikabilità tar-regolament 3.
*Miżjud:*
*A.L. 370 tal-2011.*
Kap. 16.

**3A.** Id-disposizzjonijiet tar-regolament 3 għandhom jgħoddu għall-finijiet tal-artikolu 66J(1) tal-Kodiċi Ċivili, hekk li l-listi li hemm riferenza għalihom fl-imsemmi regolament 3 għandhom jitqiesu bħala li huma wkoll ir-reġistru li hemm riferenza għalih fl-imsemmi artikolu 66J(1) tal-Kodiċi Ċivili u għandu jservi għall-istess funzjoni.

Awtorizzazzjoni sabiex jinbdew proċeduri għal separazzjoni personali jew g?al divorzju.
*Emendat:*
*A.L. 370 tal-2011;*
*A.L. 386 tal-2011.*
*XIII.2018.33*

**4.** (1) Meta konjuġi tkun trid tipproċedi biex tibda kawża għas-separazzjoni personali jew divorzju kontra l-konjuġi l-ieħor jew l-oħra, dik il-parti għandha l-ewwel titlob l-awtorità li tipproċedi mill-Qorti Ċivili (Diviżjoni tal-Familja) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Diviżjoni tal-Familja) skond il-każ, kull wieħed minn dawn il-qrati, hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "il-Qorti", billi tippreżenta ittra, fil-każ ta' separazzjoni personali, jew billi tippreżenta rikors, fil-każ ta' divorzju, kif ikun il-każ, għal dan il-għan fir-reġstru tal-Qorti indirizzata lir-Reġistratur fejn fiha jiġi indikat kemm l-isem u l-indirizz ta' min ikun qed jippreżenta l-ittra kif ukoll dawk tal-parti l-oħra u jitolbu lill-Qorti tawtorizza lilha jew lilu biex jipproċedu. Dik l-ittra għandha tkun iffirmata u ppreżentata mill-parti personalment jew minn avukat jew prokuratur legali f'isem dik il-parti.

(2) Meta tingħata l-awtorità mill-Qorti biex konjuġi jipproċedi għal separazzjoni personali, ikun leġittimu għal kull wieħed mill-konjuġi li jibda kawża fil-Qorti, jew jagħmel kontro-talba għas-separazzjoni personali jew divorzju, kif ikun il-każ, għall-istess raġunijiet jew fuq ir-raġunijiet l-oħra msemmija fil-Kodiċi Ċivili

Kap. 16.

bħallikieku dik l-awtorizzazzjoni kienet tirreferi għaż-żewġ partijiet għal kull waħda mir-raġunijiet imsemmija.

(3) Qabel ma tagħti dik l-awtorizzazzjoni, il-Qorti għandha ssejjaħ lill-partijiet sabiex jidhru quddiem medjatur, li jkun jew maħtur minnha jew bil-kunsens taż-żewġ partijiet, u meta l-Qorti tħoss li hemm bżonn, jew minn jeddha, jew fuq talba tal-medjatur jew ta' xi wieħed mill-konjuġi, tista' taħtar avukat tat-tfal biex jirrappreżenta l-interessi tat-tfal taħt l-età tal-partijiet:

Iżda fejn l-ittra msemmija f'dan ir-regolament 4 hija akkumpanjata b'evidenza li tissostanzja każ ta' vjolenza domestika, il-Qorti għandha ssejjaħ lill-partijiet sabiex jidhru quddiemha sabiex tiddetermina jekk il-medjazzjoni hijiex fl-aħjar interess taż-żewġ partijiet.

(4) Il-medjatur għandu fl-ewwel lok jipprova jirrikonċilja l-partijiet. F'dan l-istadju, il-medjatur għandu jisma' lill-partijiet.

(5) Meta ma sseħħx ir-rikonċiljazzjoni bejn il-konjuġi, il-medjatur għandu jagħmel sforz sabiex jassisti lill-partijiet sabiex dawn jaslu għal ftehim li jagħmlu kuntratt ta' firda personali konsenswali.

(6) Il-medjatur jista' jisma' *in camera* lill-partijiet separatament jew flimkien, fil-preżenza ta' l-avukati jew tal-prokuratur legali tagħhom, u jista' wkoll jisma' lil tfal taħt l-età tal-konjuġi, l-avukat tat-tfal, jekk ikun hemm, u l-avukati jew il-prokuraturi legali tal-partijiet.

(7) Il-konjuġi u l-persuni l-oħra kollha ma jkunu meħtieġa jieħdu ebda ġurament u ma tistax tiġi prodotta ebda prova quddiem xi qorti dwar dak li jkun ingħad quddiem il-medjatur fil-proċeduri ta' konċiljazzjoni jew ta' medjazzjoni dwar xi proposta li huwa jew xi ħadd ieħor ikun għamel waqt il-proċeduri jew dwar ir-reazzjoni ta' xi konjuġi minnhom għal dawk il-proposti.

(8) Meta l-medjatur jirnexxilu jirrikonċilja l-partijiet huwa għandu jikteb nota li tkun tirreġistra dan fl-inkartament tar-rikors, u jibgħat dak l-inkartament lill-imħallef li għandu jagħlaq il-proċeduri.

(9) Meta l-partijiet ma jkunux irrikonċiljaw bejniethom, imma jkunu bis-saħħa tal-medjatur jew xort'oħra qablu li jagħmlu kuntratt ta' separazzjoni personali konsenswali jew li jippreżentaw rikors konġunt għad-divorzju, il-medjatur għandu jgħaddi lill-imħallef abbozz tal-kuntratt ta' separazzjoni personali jew tal-ftehim tad-divorzju, kif ikun il-każ, flimkien ma' kull kumment dwar dak l-abbozz ta' kuntratt jew ta' ftehim mill-avukati jew prokuraturi legali tal-partijiet, l-avukat tat-tfal, jekk ikun hemm, u l-fehmiet tiegħu, sabiex tkun tista' tingħata l-awtorizzazzjoni mill-imħallef.

(10) L-imħallef għandu jagħti l-awtorizzazzjoni b'digriet *in camera*, imma jista' qabel ma jgħaddi biex jagħti dak id-digriet jisma' lill-partijiet, it-tfal jew l-avukati u l-prokuraturi legali rispettivi tagħhom.

(11) (*a*) Tul il-proċess tal-medjazzjoni, il-partijiet jistgħu bil-kunsens taż-żewġ naħat, jitolbu 'l Qorti taħtar assistent ġudizzjarju sabiex jisma' x-xiehda bil-ġurament li jgħinu biex jiffaċilitaw il-proċess quddiem il-medjatur.

(*b*) L-imħallef għandu jagħmel digriet fuq talba bħal dik *in camera*, wara li jisma', jekk hekk jidhirlu, lill-konjuġi, it-tfal taħt l-età, u, jew, l-avukati u l-prokuraturi legali rispettivi tagħhom.

(12) Meta t-tentattivi tal-medjatur biex jirrikonċilja l-partijiet jew biex iwassalhom għal ftehim kif hawn qabel imsemmi jkunu fallew, jew jekk meta jiskadu xahrejn mill-preżentata tal-ittra jew tar-rikors, kif ikun il-każ, imsemmija fis-subregolament (1) (jew dak il-perjodu itwal li l-Qorti tista' għal raġuni tajba tikkonċedi) ma tkun la saret konċiljazzjoni u lanqas ftehim, il-medjatur għandu jinforma dan bil-miktub lill-imħallef li mbagħad jikkonċedi l-awtorizzazzjoni mitluba:

Iżda meta fil-fehma tal-medjatur, x'aktarx li tali konċiljazzjoni ma tkunx tista' tinkiseb jew dak il-ftehim ma jkunx jista' jintlaħaq, il-medjatur jista' jgħaddi biex jinforma lill-imħallef qabel ma jiskadi dak il-perjodu ta' xahrejn jew qabel dak il-perjodu itwal kif imsemmi qabel.

(13) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (11), kull parti tista' filwaqt li jkunu għadhom għaddejjin il-proċeduri ta' konċiljazzjoni, medjazzjoni, jew stadji ta' qabel jew matul is-smigħ tal-kawża, titlob lill-Qorti tagħti dawk l-ordnijiet provviżorji jew tiddekreta tali provvediment jew mandat skond ma jistgħu jkunu meħtieġa biex tikkawtela kull interess li jista' jkollha.

*Ftehim li jingħata b'digriet fuq affarijiet kollaterali.*

**5.** (1) Meta matul l-istadju ta' konċiljazzjoni jew medjazzjoni l-partijiet jaslu għal ftehim dwar il-ħlas ta' somma flus għall-manteniment li jista' jitħallas minn xi parti lill-oħra, dwaru jew dwarha jew dwar it-tfal, jew jintlaħaq ftehim dwar il-kustodja jew id-drittijiet għall-aċċess ta' l-ulied, jew dwar min għandu jibqa' joqgħod fid-dar matrimonjali, il-medjatur għandu jagħmel nota dwar dak il-ftehim, liema nota għandha tiġi ffirmata mill-partijiet, u għandu minnufih jgħaddi dik in-nota lill-Qorti li mbagħad għandha tagħti digriet.

(2) Meta jew parti waħda jew iż-żewġ partijiet ma jkunux assistiti minn avukat jew prokuratur legali l-medjatur għandu jgħarraf lill-partijiet bl-importanza tal-ftehim u bid-dritt li għandhom li jkunu assistiti minn avukat jew prokuratur legali jew li jieħdu parir legali qabel ma jiffirmaw xi ftehim bħal dak.

*Firda konsenswali.*

**6.** (*a*) Meta ż-żewġ konjuġi jaqblu li jagħmlu kuntratt ta' firda personali bil-kunsens tagħhom it-tnejn u mhux bil-proċess tal-medjazzjoni kif provdut fir-regolament 4, huma għandhom jindikaw din il-ħaġa permezz ta' nota ffirmata min-nutar u mill-avukati jew prokuraturi legali rispettivi tagħhom. Din in-nota għandha tiġi ppreżentata fis-Sezzjoni tal-Familja tal-Qorti Ċivili jew tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni

Superjuri) flimkien ma' abbozz tal-kuntratt.

(*b*) Meta l-Qorti tirċievi din n-nota, għandha tirreferi l-kwistjoni lil medjatur, jew dak magħżul bil-kunsens taż-żewġ partijiet mill-ewwel lista u ndikat minnhom fin-nota jew dak li jiġi assenjat mill-Qorti.

(*ċ*) Il-medjatur għandu mhux aktar minn xahar mill-preżentata tan-nota jeżamina l-abbozz u jekk iħoss il-bżonn jisma' lill-partijiet fil-preżenza tal-konsulenti legali kif ukoll l-ulied taħt l-eta' tal-konjuġi, jekk ikun il-każ, u jista' jitlob lill-Qorti taħtar avukat għall-minuri. Il-medjatur għandu fi żmien imsemmi ta' xahar jibgħat in-nota lura lill-Qorti flimkien mal-fehmiet tiegħu.

(*d*) Kif il-Qorti tirċievi dan, din għandha, jekk hi tħoss il-bżonn, li tisma' lill-konjuġi jew xi wħud mill-ulied, tgħaddi biex tagħti d-digriet tagħha kemm jista' jkun malajr fejn tapprova jew temenda jew tirrifjuta l-imsemmi abbozz.

Kawża f'każijiet ta' firda personali jew divorzju. *Emendat: A.L. 370 tal-2011.*

**7.** (1) Meta l-Qorti tkun awtorizzat lil xi wieħed mill-konjuġi jipproċedi b'kawża għal separazzjoni personali jew divorzju, kull parti tista' tibda l-proċeduri fi żmien xahrejn jew f'dak iż-żmien itwal skond ma l-Qorti tista' tistabbilixxi għal xi raġuni gravi.

(2) Meta tinbeda l-kawża u malli jagħlqu l-proċeduri bil-miktub, il-Qorti għandha tgħaddi biex taħtar avukat tat-tfal meta fil-fehma tagħha dan ikun meħtieġ fl-aħjar interess tat-tfal taħt l-età tal-konjuġi, u f'dan l-istadju l-Qorti għandha tiffissa żmien li fih il-partijiet għandhom iressqu kull prova dokumentarja in sostenn tal-każ tagħhom u jġibu lil dawk ix-xhieda li x-xiehda tagħhom ma tistax tingħata permezz ta' affidavit.

(3) Iż-żmien ta' qabel is-smigħ jagħlaq meta jkunu nġiebu d-dokumenti kollha u kull prova oħra tal-partijiet, jew meta jkun skada ż-żmien li fih dawn kellhom hekk jinġiebu. Matul dak il-perjodu l-Qorti tista' wkoll taħtar lil dawk l-esperti li tista' tqis li jkunu meħtieġa sabiex jassistuha.

(4) Ħlief għal raġunijiet gravi u serji li l-Qorti għandha tindika x'inhuma, iż-żmien ta' qabel is-smigħ ma għandux itul iżjed minn sena wara l-għeluq tal-proċeduri bil-miktub.

(5) Matul iż-żmien ta' qabel is-smigħ u sakemm tgħaddi biex tagħti s-sentenza tagħha, il-Qorti tista' wara li tintalab hekk tagħmel minn parti jew oħra, tagħti dawk l-ordnijiet provviżorji skond ma tista' tqis li jkun meħtieġ, u tista' wkoll bl-istess mod meta jkun hekk meħtieġ minħabba f'raġunijiet gravi jew bidla fiċ-ċirkostanzi, tibdel jew tirrevoka dawk l-ordnijiet.

(6) Wara l-għeluq ta' l-stadju qabel il-kawża proprja, l-imħallef għandu jistabbilixxi d-data għal meta jkun se jsir is-smigħ li matulu l-avukati tal-konjuġi u l-avukati tat-tfal, li setgħu ġew maħtura, jkunu ser jagħmlu s-sottomissjonijiet u kontro-sottomissjonijiet tagħhom, u l-Qorti għandha tgħaddi biex tiddeċiedi fuq il-punti kollha in kwistjoni:

Iżda jekk il-Qorti ma tkunx tista' tiddeċiedi kif għandha tiġi likwidata xi komunjoni tal-proprjetà bejn il-partijiet, hija għandha l-ewwel tiddeċiedi dwar ħwejjeġ oħra u mbagħad tgħaddi biex tiddeċiedi dwar dak il-punt fi stadju ulterjuri. Il-Qorti tista' wkoll f'kull stadju tħajjar lill-partijiet jagħmlu ftehim ta' arbitraġġ kif hemm provdut dwar dan fil-proviso ta' l-artikolu 15(6) ta' l-Att dwar l-Arbitraġġ. Kap. 387.

Vjolenza domestika waqt proċeduri ta' medjazzjoni. *Miżjud: XIII.2018.33.*

**8.** Fejn, matul il-proċeduri ta' medjazzjoni, il-medjatur isir jaf bi, jew ikollu raġuni biex jissuspetta l-okkorrenza ta' vjolenza domestika, il-medjatur għandu minnufih jinforma l-Imħallef bil-kitba f'dan is-sens.

Bidu fis-seħħ għall-proċeduri taħt dawn ir-regolamenti. *Enumerat: XIII.2018.33.*

**9.** Meta persuna tkun meħtieġa taħt xi liġi tipproċedi quddiem xi qorti f'xi żmien partikolari, dawk il-proċeduri għandhom għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri jitqiesu li jkunu hekk inbdew malli tiġi ppreżentata fir-reġistru tal-Qorti l-ittra msemmija fir-regolament 4(1).

Il-proċeduri ta' medjazzjoni japplikaw ukoll f'każijiet oħra. *Emendat: A.L. 370 tal-2011. Enumerat: XIII.2018.33.*

**10.** (1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 7 meta persuna tkun trid tipproċedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti -

(*a*) nuqqas ta' qbil bejn partijiet, sew miżżewġin jew le, dwar il-kustodja, manteniment u aċċess ta' wliedhom; jew

(*b*) manteniment bejn il-konjuġi; jew

(*ċ*) bidliet f'kull ħaġa regolata minn sentenza ta' separazzjoni personali jew minn kuntratt ta' separazzjoni personali jew minn digriet jew sentenza ta' divorzju; jew

(*d*) tibdil fi ftehim dwar kull ħaġa msemmija fil-paragrafu (*a*),

dik il-parti għandha, fl-ewwel lok, tippreżenta ittra fir-reġistru tal-Qorti fejn tgħid x'inhi t-talba tagħha, li jkun fiha d-dettalji elenkati fir-regolament 4(1) u li tkun iffirmata u tiġi ppreżentata skond ma hemm f'dik id-diposizzjoni.

(2) Il-Qorti għandha ssejjaħ lill-partijiet biex jidhru quddiem medjatur, u għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tar-regolament 4(3).

(3) Il-medjatur għandu jimmedja bejn il-partijiet sabiex iwassalhom għal ftehim dwar il-kwistjoni ta' bejniethom u d-disposizzjonijiet tar-regolament 4(6) u (7) għandhom japplikaw għall-proċess ta' medjazzjoni.

(4) Meta l-partijiet jaslu għal ftehim, dan għandu jiġi reġistrat bil-miktub u jiġi nserit fl-atti tal-proċeduri, li mbagħad għandhom jintbagħtu mill-medjatur lill-Qorti, li għandha kemm-il darba ma jkun hemm xejn kuntrarju għall-ordni pubbliku, tagħti digriet fuq il-kwistjoni.

(5) Meta l-partijiet ma jaslux għal ftehim, il-medjatur għandu jinforma lill-Qorti b'dan.

(6) Matul il-medjazzjoni kull waħda mill-partijiet tista' titlob lill-Qorti għall-ħruġ ta' kull ordni provviżorju jew il-ħruġ ta' kull att jew mandat sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu jew tagħha.

Kawżi fil-każijiet l-oħra.
*Enumerat: XIII.2018.33.*

**11.** (1) Kif il-medjatur jinforma lill-Qorti li l-partijiet ma waslux għal ftehim wara l-proċess tal-medjazzjoni taħt ir-regolament preċedenti, hija għandha tawtorizza lill-partijiet jibdew il-proċeduri fi żmien xahrejn jew dak il-perjodu itwal li jista' jiġi mogħti għal raġuni gravi.

(2) Meta tinbeda l-kawża u malli jagħlqu l-proċeduri bil-miktub, il-Qorti għandha tgħaddi biex taħtar avukat tat-tfal meta fil-fehma tagħha dan ikun meħtieġ fl-aħjar interess tat-tfal taħt l-età tal-konjuġi, u f'dan l-istadju l-Qorti għandha tiffissa żmien li fih il-partijiet għandhom iressqu kull prova dokumentarja in sostenn tal-każ tagħhom u jġibu lil dawk ix-xhieda li x-xiehda tagħhom ma tistax tingħata permezz ta' affidavit.

(3) Iż-żmien ta' qabel is-smigħ jagħlaq meta jkunu nġiebu d-dokumenti kollha u kull prova oħra tal-partijiet, jew meta jkun skada ż-żmien li fih dawn kellhom hekk jinġiebu. Matul dak il-perjodu l-Qorti tista' wkoll taħtar lil dawk l-esperti li tista' tqis li jkunu meħtieġa sabiex jassistuha.

(4) Ħlief għal raġunijiet gravi u serji li l-Qorti għandha tindika x'inhuma, iż-żmien ta' qabel is-smigħ ma għandux itul iżjed minn sena wara l-għeluq tal-proċeduri bil-miktub.

(5) Matul iż-żmien ta' qabel is-smigħ u sakemm tgħaddi biex tagħti s-sentenza tagħha, il-Qorti tista' wara li tintalab hekk tagħmel minn parti jew oħra, tagħti dawk l-ordnijiet provviżorji skond ma tista' tqis li jkun meħtieġ, u tista' wkoll bl-istess mod meta jkun hekk meħtieġ minħabba f'raġunijiet gravi jew bidla fiċ-ċirkostanzi, tibdel jew tirrevoka dawk l-ordnijiet.

(6) Wara l-għeluq ta' l-stadju qabel il-kawża proprja, l-imħallef għandu jistabbilixxi d-data għal meta jkun se jsir is-smigħ li matulu l-avukati tal-konjuġi u l-avukati tat-tfal, li setgħu ġew maħtura, jkunu ser jagħmlu s-sottomissjonijiet u kontro-sottomissjonijiet tagħhom, u l-Qorti għandha tgħaddi biex tiddeċiedi fuq il-punti kollha in kwistjoni.

Meta xi parti tonqos milli tidher qabel il-medjazzjoni.
*Enumerat: XIII.2018.33.*

**12.** Meta persuna tkun ġiet imsejħa taħt id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti biex tidher quddiem medjatur u tonqos milli tidher, il-medjatur għandu jinforma lill-Qorti u jindika dak in-nuqqas flimkien ma' kull raġuni li tkun inġiebet minn dik il-persuna dwar in-nuqqas tagħha, u l-Qorti meta tiġi biex tiddeċiedi dwar il-kwistjoni pendenti quddiemha għandha tqis sew u tagħti kull konsiderazzjoni dovuta għal dak in-nuqqas.

Mħallef jew maġistrat jistgħu jagħtu kull ordni meħtieġa.
*Enumerat: XIII.2018.33.*

**13.** L-imħallef jew il-maġistrat, skond il-każ, u kull assistent ġudizzjarju li jista' jkun assenjat għall-każ, u dan dejjem taħt id-direzzjoni tal-Qorti, għandhom jagħtu kull ordni skond ma jista' jkun neċessarju għall-aħjar tmexxija tal-każ.

**14.** Is-sezzjoni tal-Qorti li skond dawn ir-Regolamenti u skond l-Ordni dwar it-Twaqqif tas-Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili għandha, skond in-natura ta' l-istess jew skond il-ġurisdizzjoni territorjali tal-Qorti, tieħu konjizzjoni ta' xi atti, rikors jew rikors ġuramentat, għandha mal-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti tieħu konjizzjoni ta' dawk l-atti, rikorsi jew rikorsi ġuramentati li minnufih qabel il-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-Regolamenti jew dak l-Ordni kienu pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, is-Sekond' Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri), u dan skond il-ġurisdizzjoni ta' kull waħda minn dawk is-sezzjonijiet skond dawn ir-Regolamenti u dak l-Ordni, b'dan illi minkejja kull ħaġa li hemm f'dawn ir-Regolamenti jew f'dak l-Ordni, il-proċedura li għandha tiġi segwita fir-rigward ta' kull att, rikors jew rikors ġuramentat prezentati qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-Regolamenti u ta' dak l-Ordni, għandha tkun dik viġenti minnufih qabel l-istess data.

Disposizzjoni transitorja.
*Miżjud: A.L. 9 tal-2004. Emendat: A.L. 181 tal-2006; A.L. 186 tal-2006.* L.S. 12.19 *Enumerat: XIII.2018.33.*

**15.** Sabiex jiġi żgurat illi studenti li qed jitħarrġu fl-Università ta' Malta biex isiru medjaturi jibbenefikaw minn *placements* ma' medjaturi, għandhom jiġu osservati dawn ir-regoli:

Taħriġ għall-istudenti li qed jistudjaw biex isiru medjaturi.
*Miżjud: A.L. 111 tal-2012. Enumerat: XIII.2018.33.*

(*a*) student li qed jistudja fil-kors ta' *Master* tal-Arti fil-Medjazzjoni fl-Università ta' Malta għandu jiddikjara bil-ġurament illi huwa se jżomm il-kunfidenzjalità ta' dawk il-proċeduri. Dik id-dikjarazzjoni għandha tiġi ppreżentata fir-reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja);

(*b*) qabel ma dak l-istudent jattendi għal medjazzjoni, il-medjatur ikun jista' jġib il-permess minn qabel tal-partijiet;

(*ċ*) dak l-istudent jista' jieħu rwol attiv fil-proċeduri tal-medjazzjoni taħt il-gwida ta' medjatur b'dan illi jkun inġieb il-kunsens imsemmi fil-paragrafu (*b*);

(*d*) jekk parti fil-proċess tal-medjazzjoni f'kull ħin titlob lill-istudent li jitlaq mis-seduta tal-medjazzjoni, l-istudent għandu jitlaq minnufih minn dik is-seduta.

---

SKEDA

*Miżjuda: A.L. 9 tal-2004.*

Regolament 2(*a*)

**Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili**

**1.** It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni dwar it-Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili.

Titolu.

**2.** Ikun hemm tliet sezzjonijiet fil-Qorti Ċivili li għandu jiġi assenjat lilhom, kif inhu provdut b'dan l-Ordni, il-kategorija ta' kawżi, li sa issa kienu jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ċivili (Prim'Awla) u tal-Qorti Ċivili (Sekond'Awla), jew skond ma jista' jiġi assenjat lill-Qorti Ċivili b'kull liġi.

Il-Qorti Ċivili jkollha tliet Sezzjonijiet.

Is-Sezzjonijiet. *Emendat: A.L. 8 tal-2004.*

**3.** Is-sezzjonijiet tal-Qorti Ċivili jkunu dawn, is-Sezzjoni tal-Familja, is-Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja u s-sezzjoni ta' ġurisdizzjoni ġenerali li tissejjaħ il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.

Assenjazzjoni ta' kawżi tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja).

**4.** Lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandhom jiġu assenjati dawk il-kawżi li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Ċivili u li għandhom x'jaqsmu ma':

Kap. 16. (*a*) it-Titoli I, II u IV ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili;

Kap. 48. (*b*) l-Ordinanza dwar l-Esekuzzjoni ta' Digrieti ta' Manteniment;

Kap. 242. (*ċ*) l-Att dwar l-Esekuzzjoni Reċiproka ta' Ordnijiet ta' Manteniment;

Kap. 255 (*d*) l-Att dwar iż-Żwieġ; u

Kap. 410. (*e*) l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta' Minuri.

Assenjazzjoni ta' kawżi lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja).

**5.** Lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) għandhom jiġu assenjati dawk ir-rikorsi li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Ċivili u li għandhom x'jaqsmu ma':

Kap. 16. (*a*) it-Titoli III, V, VI u VII ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili; u

Kap. 12. (*b*) it-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Assenjazzjoni ta' kawżi lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili. *Emendat: A.L. 8 tal-2004.*

**6.** Lill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għandhom jiġu assenjati l-kawżi kollha li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Ċivili u li ma jiġux assenjati lis-Sezzjoni tal-Familja jew lis-Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.

Ir-Reġistratur jassenja l-kawżi.

**7.** Bla ħsara għal kull regola tal-qorti jew ta' xi regolament, il-kawżi għandhom jiġu assenjati lis-sezzjonijiet differenti tal-Qorti Ċivili mir-Reġistratur skond il-kategorija li l-kawża tkun taqa' taħtha.

Il-Prim Imħallef jistabbilixxi s-Sezzjoni f'kawżi partikolari.

**8.** Meta jkun hemm nuqqas ta' qbil dwar jekk kawża għandhiex tiġi assenjata lil xi Sezzjoni waħda jew oħra tal-Qorti Ċivili, jew meta kawża tkun tinvolvi iktar minn kategorija waħda skond ma għandhom jiġu assenjati lil Sezzjonijiet differenti tal-Qorti Ċivili, il-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-Prim Imħallef li għandu mbagħad, *in camera*, jiddeċiedi dwar liema Sezzjoni għandha tiġi assenjata l-kawża. Id-deċiżjoni tal-Prim Imħallef għandha tiġi reġistrata fl-atti tal-kawża u tkun waħda finali.

Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-Ġurisdizzjoni Superjuri tagħha. Kap. 12.

**9.** Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 54 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għandu jkun hemm fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), fil-Ġurisdizzjoni Superjuri tagħha, żewġ Sezzjonijiet li rispettivament jissemmew "Is-Sezzjoni tal-Familja" u "Is-Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali". Lis-Sezzjoni tal-Familja għandhom jiġu assenjati kawżi li jaqgħu fil-kompetenza ta' dik il-Qorti fil-Ġurisdizzjoni Superjuri tagħha u li huma regolati bid-disposizzjonijiet msemmija fl-artikolu 4(*a*) sa (*e*) ta' dan l-Ordni, u lis-Sezzjonijiet ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali għandhom jiġu assenjati kawżi li jaqgħu fil-

kompetenza ta' dik il-Qorti fil-Ġurisdizzjoni Superjuri tagħha li m'humiex assenjati lis-Sezzjoni tal-Familja jew li dwarhom l-imsemmi artikolu 54 ta' l-imsemmi Kodiċi ma japplikax. L-artikoli 7 u 9 ta' dan l-Ordni għandhom *mutatis mutandis* ikunu applikabbli għar-rigward ta' kawżi li jaqgħu fil-kompetenza ta' l-imsemmija Qorti fil-Ġurisdizzjoni Superjuri tagħha għar-rigward ta' l-assenjazzjoni ta' kawżi lid-diversi Sezzjonijiet.